32005D0336

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' April 2005

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980 li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv għall-Programm ta' Fużjoni

(2005/336/Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari r-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/668/Euratom tat-3 ta' Ġunju 2002 dwar is-sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (Euratom), għal riċerka fuq l-enerġija nukleari u attivitajiet ta' taħriġ, u għal kontribuzzjoni fil-kreazzjoni ta' Żona ta' Riċerka Ewropea (2002-2006) [1],

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/837/Euratom tat-30 ta' Settembru 2002 li tadotta programm speċifiku (Euratom) għar-riċerka u t-taħriġ fuq l-enerġija nukleari (2002-2006) [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha li jipprevedi li, sabiex timplimenta l-programm speċifiku, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat Konsultattiv u li, għall-aspetti relatati mal-fużjoni, il-kompożizzjoni ta' dan il-Kumitat u r-regoli u l-proċeduri dettaljati ta' ħidma applikabbli għalih għandhom ikunu kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 4151/81 ATO 103 tas-16 ta' Diċembru 1980, li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv għall-Programm ta' Fużjoni [3] (minn issa 'l quddiem imsejħa d-"Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980")

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni 2003, u b'mod partikolari, l-Artikolu 51 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980 li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv għall-Programm ta' Fużjoni (minn issa 'l quddiem magħruf bħala l-"CCE-FU"), u b'mod partikolari l-paragrafu 14 tagħha, li jistabbilixxi sistema ta' votazzjoni għal dan il-Kumitat,

Billi:

(1) Is-CCE-FU għandu jagħti l-opinjonijiet tiegħu permezz ta' sistema ta' voti peżati meta, waqt li jaġixxi skond il-paragrafu 5(g) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980, huwa jiddefinixxi l-azzjonijiet ta' prijorità bil-ħsieb ta' l-allokazzjoni ta' appoġġ preferenzjali.

(2) Fil-21 ta' Ottubru 2004 s-CCE-FU irrakkomanda unanimament aġġornament tas-sistema tiegħu ta' voti peżati li għandha tkun applikata fil-Kumitat imsemmi fil-paragrafu 14 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980, meta jiġu trattati aspetti relatati mal-fużjoni, sabiex jiġu inklużi d-drittijiet tal-votazzjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda wara l-adeżjoni tagħhom.

(3) Bil-ħsieb ta' dan t'hawn fuq, issa hu xieraq li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980 tiġi emendata kif meħtieġ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Fil-paragrafu 14 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980, l-aħħar żewġ sentenzi għandhom jiġu sostitwiti bit-test li ġej:

[1] ĠU L 232, 29.8.2002, p. 34.

[2] ĠU L 294, 29.10.2002, p. 74.

[3] Għada ma ġietx ippubblikata, iżda emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/1/KE Euratom, ECSC (ĠU L 1, 1.1.1995, p. 1).

"Opinjonijiet li jirreferu għall-paragrafu 5(g) għandhom ikunu adotatti permezz tas-sistema ta' voti peżati li ġej:

Il-Belġju	2
Ir-Repubblika Ċeka	2
Id-Danimarka	2
Il-Ġermanja	5
L-Estonja	1
Il-Greċja	2
Spanja	3
Franza	5
L-Irlanda	2
L-Italja	5
Ċipru	1
Il-Latvja	1
Il-Litwanja	2
Il-Lussemburgu	1
L-Ungerija	2
Malta	1
L-Olanda	2
L-Awstrija	2
Il-Polonja	3
Il-Portugall	2
Is-Slovenja	1
Is-Slovakkja	2
Il-Finlandja	2
L-Isvezja	2
Ir-Renju Unit	5
L-Isvizzera	2
Total	60

Għall-adozzjoni ta' opinjoni, il-maġġoranza meħtieġa għandha tkun 31 vot favur minn mill-anqas erbatax-il delegazzjoni.".

Magħmul fi Brussell, 18 ta' April 2005.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KRECKE